MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tad-9 ta' Frar, 2007

Appell Civili Numru. 1546/1999/1

**Onor. Dr Eddie Fenech Adami, Onor. Dr Tonio Borg, Onor. Prof. Josef Bonnici, Onor. Dr Louis Galea, Onor. Dr Joe Borg, Onor. John Dalli, Onor. Dr Louis Deguara, Onor. Ninu Zammit, Onor. Dr Lawrence Gonzi, Onor. Censu Galea u Onor. Dr Austin Gatt**

**v.**

**Malta Labour Party u Frans Ghirxi**

**Il-Qorti:**

**Preliminari**

**1.** Dan hu appell minn sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti fil-11 ta’ Mejju 2004 li permezz taghha sabet li l-konvenuti kienu mmalafamaw permezz ta’ stampat lill-atturi (hlief ghal wiehed minnhom), u kkundannat lill-istess konvenuti solidament bejniethom ihallsu lill-atturi hekk malafamati (ad eccezzjoni ta’ l-attur Onor. Dr Eddie Fenech Adami, li permezz ta’ nota ppresentata fid-29 ta’ April 2004 ceda l-atti tal-kawza minhabba l-kariga li huwa llum jokkupa ta’ President ta’ Malta[1]) somma ta’ flus bhala danni – Lm900 lira lil kull wiehed minn hamsa mill-atturi u Lm500 lil kull wiehed minn erba’ ohra. L-istampat kien jkkonsisti f’riklam *full page* tal-Malta Labour Party li gie ppublikat f’pagna 23 tal-harga ta’ L-Orizzont tat-Tnejn 28 ta’ Gunju 1999.

**2.** Ghall-ahjar intendiment tad-decizjoni odjerna, ikun utili li tigi riprodotta s-sentenza ta’ l-ewwel Qorti fl-intier taghha:

“Iċ-ċitazzjoni tgħid illi b’artikolu taħt l-isem “*IRRESPONSABBLI: GĦALIHOM AKTAR LUSSU .... Infieq f’Karrozzi Ġodda*”, pubblikat f’paġna 23 tal-ħarġa tat-28 ta’ Ġunju 1999 ta’ *L-Orizzont*, li tiegħu l-konvenut Partit Laburista huwa l-awtur u l-konvenut Ghirxi huwa l-editur, ġew attribwiti lil kull wieħed mill-atturi fatti determinati li huma foloz u jagħtuhom malafama, għax bil-ħsieb li jesponuhom għar-redikolu jew għad-disprezz tal-pubbliku. Billi għalhekk igħidu illi kull wieħed minnhom għandu l-jedd għad-danni taħt l-art. 28 tal-Liġi ta’ l-Istampa ġKap. 248ħ, l-atturi fetħu din il-kawża u qegħdin jitolbu illi l-qorti:

1. tgħid illi l-pubblikazzjoni fuq imsemmija hija libelluża u malafamanti għal kull wieħed minnhom, u tesponi lil kull wieħed minnhom għad-disprezz u għar-redikolu tal-pubbliku; u

2. tikkundanna lill-konvenuti jħallsu lil kull wieħed mill-atturi dik is-somma li tiffissa l-qorti f’ammont li ma jkunx

[1] Ara n-nota a fol. 83.

aktar minn ħamest elef lira (Lm5,000) bħala danni għall-malafama skond l-art. 28 tal-Liġi ta' l-Istampa.

"Qegħdin jitolbu wkoll l-ispejjeż tal-kawża.

"Il-konvenut *Malta Labour Party* ressaq dawn l-eċċezzjonijiet:

1. safejn l-eċċipjent kien imħarrek bħala "awtur", it-talbiet ta' l-atturi ma jistgħux jintlaqgħu għax korp morali ma jistax "jikteb", u għalhekk l-eċċipjent għandu jinħeles mill-ħarsien tal-ġudizzju;

2. il-pubblikazzjoni ma hijiex libelluża; u

3. il-pubblikazzjoni hija "espressjoni ta' l-opinjoni u apprezzament, jew *value judgement*, ta' l-awtur tagħha", u tagħmel *fair comment* li huwa ammissibbli kemm taħt il-Liġi ta' l-Istampa kif ukoll taħt il-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fondamentali.

"Il-konvenut Frans Ghirxi ressaq l-eċċezzjoni illi hu b'ebda mod ma illibella jew għamel malafama lill-atturi iżda biss inqeda bil-jedd li jwassal tagħrif lill-qarrej, bil-jedd li jagħmel *fair comment* u dak li jagħmel *value judgement*.

"B'nota tad-29 t'April 2004 l-attur Onor. Dr Eddie Fenech Adami, illum l-Eċċ. Tiegħu l-President ta' Malta, ċeda l-kawża minħabba l-ħatra tiegħu ta' President.

"Qabel ma nidħlu fil-meritu tal-kawża nqisu l-eċċezzjoni preliminari tal-*Malta Labour Party* li trid illi l-partit jinħeles mill-ħarsien tal-ġudizzju għax, bħala korp morali, ma jistax ikun l-awtur tal-pubblikazzjoni.

"It-tieni artikolu ta' l-Att dwar l-Istampa, fit-tifsiriet tal-kliem, igħid illi l-kelma "persuna" tinkludi korp ta' persuni sew jekk ikollhom personalità ġuridika distinta sew jekk le. Il-liġi għalhekk tolqot mhux persuni fiżiċi iżda wkoll persuni morali bħala ma hu l-eċċipjent. Barra minn hekk, il-pubblikazzjoni stess turi illi saret mill-Uffiċċju

Informazzjoni tal-partit konvenut, li b'hekk ħa fuqu r-responsabbiltà għaliha.

"L-eċċezzjoni hija għalhekk miċħuda.

"Il-pubblikazzjoni li minnha qegħdin jilmentaw l-atturi tikkonsisti fil-kliem "*IRRESPONSABBLI: GĦALIHOM AKTAR LUSSU .... Infieq f'Karrozzi Ġodda*", imbagħad jidher ritratt ta' wiċċ kull wieħed mill-atturi, b'ċifra li turi somma flus taħt kull ritratt, u, aktar 'l isfel il-kliem "*GĦALIK AKTAR TAXXI ....*" Imbagħad, ħdejn ritratt ieħor ta' l-attur Onor. John Dalli, hemm silta minn diskors li jingħad li sar minnu fil-25 ta' Novembru 1998. Din is-silta tgħid hekk:

""From year to year, we should ensure that we keep to our objective of increasing our revenue more than our expenditure. If, notwithstanding these efforts, these targets are not met than we shall resort to sustainable taxation to make up for the imbalance."

"Aktar 'l isfel hemm il-kliem "*Iż-żejt tela' f'wiċċ l-ilma*", u taħt nett jissemma l-Uffiċċju Informazzjoni tal-partit konvenut bħala dak li hu responsabbli għall-pubblikazzjoni.

"Min jara din il-pubblikazzjoni ma jistax ma jifhimx illi kull wieħed mill-atturi, li kienu lkoll ministri tal-gvern, nefaq iċ-ċifra murija taħt ir-ritratt ta' wiċċu fuq karrozza ta' lussu għall-użu personali tiegħu. Biex iħallsu għal dan il-lussu li jgawdu l-atturi, il-poplu jkollu jħallas aktar taxxi.

"Mix-xhieda ħareġ illi tassew illi d-dikasteru li għalih kien responsabbli kull wieħed mill-atturi kien nefaq somma qrib dik murija taħt ir-ritratt tal-ministru li kien imexxi dak id-dikasteru, iżda, ħlief fil-każ tal-Ministru għall-Argikoltura u Sajd (L-Onor. Ninu Zammit) u l-Ministru għall-Affarijiet Barranin (L-Onor. Dr Joe Borg), il-karrozzi nxtraw mhux għall-użu tal-ministru iżda għad-dipartiment, u f'xi każijiet inxtrat aktar minn vettura waħda għax hekk kien jeħtieġ id-dipartiment.

"Li tgħid illi karrozza hija lussu hija kumment u apprezzament ta' fatt; li kieku l-konvenuti waqfu hemm ma kienx ikun hemm malafama. Li iżda tallega illi l-karrozzi nxtraw għat-tgawdija ta' l-atturi hija allegazzjoni ta' fatt determinat u, ħlief fil-każ ta' l-Onor. Ninu Zammit u l-Onor. Joe Borg, hija allegazzjoni ta' fatt falz għax il-karrozzi ma nxtrawx biex igawduhom l-atturi. Ukoll fil-każ ta' l-Onor. Joe Borg, hemm allagazzjoni ta' fatt falz, għax min jara l-pubblikazzjoni jifhem illi l-Onor. Borg xtara karrozza waħda għalih li tiswa tlieta u għoxrin elf lira (Lm23,000) meta fil-fatt b'dak il-prezz inxtraw tliet karrozzi, waħda għall-ministru u t-tnejn l-oħra għal funzjonarji oħra tad-dikasteru.

"Għalhekk fil-każ ta' l-atturi kollha ħlief fil-każ ta' l-Onor. Ninu Zammit, kien attribwit lilhom fatt determinat — li xtraw għall-użu tagħhom karrozza li tiswa daqskemm muri taħt ir-ritratt ta' wiċċhom — li huwa falz. Il-konvenuti ma għamlux *fair comment* iżda, billi xandru fatti foloz, qarrqu bil-qarrejja biex iwassluhom li jagħmlu ġudizzju ħażin għax mibni fuq fatti foloz. B'dan il-mod taw malafama lill-atturi.

"Fil-każ ta' l-Onor. Ninu Zammit, tassew illi d-dikasteru ta' dan nefaq ħdax-il elf u sitt mitt lira (Lm11,600) — ftit anqas mit-tnax-il elf lira (Lm12,000) li tgħid il-pubblikazzjoni — għall-użu tal-ministru: dak huwa fatt u l-konvenuti għandhom jedd jgħidu illi fil-fehma tagħhom karrozza ta' tnax-il elf lira (Lm12,000) għall-użu ta' ministru hija lussu; il-qarrej imbagħad jara hu jaqbilx ma' dan l-apprezzament jew le, ladarba għandu l-fatti korretti quddiemu. Fil-każ ta' l-atturi l-oħra, iżda, ma ngħatawx fatti korretti iżda fatti foloz.

"Għalkemm saret malafama lill-atturi kollha (ħlief l-Onor. Ninu Zammit), aktar hija gravi l-malafama fil-każ ta' l-Onor. Tonio Borg, l-Onor. Josef Bonnici, l-Onor. Louis Galea, l-Onor. Joe Borg u l-Onor. John Dalli, billi ċ-ċifra murija taħt ir-ritratt ta' dawn hija qawwija u min jara dik iċ-ċifra jasal biex jemmen illi xtraw karrozza tassew lussuża għat-tgawdija tagħhom; fil-każ ta' l-atturi l-oħrajn, min jara l-pubblikazzjoni, ukoll jekk jasal għal ġudizzju ħażin għax

dejjem mibni fuq fatti foloz, ma jasalx għal ġudizzju hekk aħrax għax in-nefqa hija anqas.

"Il-*quantum* tad-danni għandu jkun proporzjonat mal-gravità tal-malafama.

"Għalhekk il-qorti, fil-waqt li tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti u tgħid illi taw malafama lill-atturi kollha ħlief lill-Onor. Ninu Zammit, tillikwida d-danni ta' l-Onor. Tonio Borg, l-Onor. Josef Bonnici, l-Onor. Louis Galea, l-Onor. Joe Borg u l-Onor. John Dalli fis-somma ta' disa' mitt lira (Lm900) kull wieħed, u tillikwida d-danni ta' l-Onor. Louis Deguara, l-Onor. Lawrence Gonzi, l-Onor. Ċensu Galea u l-Onor. Austin Gatt fis-somma ta' ħames mitt lira (Lm500) kull wieħed; tikkundanna lill-konvenuti flimkien iħallsu lil kull wieħed mill-atturi s-somma likwidata bħala danni favur dak l-attur.

"L-Onor. Ninu Zammit għandu jħallas l-ispejjeż tiegħu; l-ispejjeż l-oħrajn kollha jħallsuhom il-konvenuti flimkien."

**3.** Minn din is-sentenza appellaw il-konvenuti permezz ta' rikors wiehed. Fil-paragrafu enumerat 9 huma jillanjaw hekk:

**"L-aggravju hu car u manifest u jikkonsisti filli kellu jkun dikjarat li l-esponenti ma ngurjaw lil hadd mill-atturi izda ezercitaw biss id-dritt tal-liberta` ta' espressjoni u ghalhekk it-talbiet ta' l-atturi kollha messhom gew michuda bl-ispejjez kontra l-atturi appellati."**

L-appellant Ghirxi in partikolari jghid li hu kullma ghamel kien li offra spazju lill-Malta Labour Party biex ixxandar il-fehmiet taghha fuq haga ta' interess pubbliku. Huwa jirreferi ghas-sentenza ***Thoma v. Luxemboug*** deciza mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem kif ukoll ghall-Artikolu 46 tal-Kap. 248 introdott permezz tal-Att numru X tal-1996. Iz-zewg appellanti flimkien, imbaghad, bazikament jghidu li f'dan il-kaz ma kien hemm ebda malafama, ghax kullma jirrizulta li giet ippubblikata kienet opinjoni ossia *value judgment* dwar l-operat kollettiv tad-

diversi atturi. Sussidjarjament u bla pregudizzju ghall-aggravju principali taghhom, l-appellanti jghidu li d-danni stabbiliti mill-ewwel Qorti huma eccessivi u li ma jaghmilx sens li tiddistingwi bejn attur u iehor, u li anqas jaghmel sens li l-awtur u l-gurnalist jitqieghdu f'keffa wahda. Il-partijietipprezentaw ukoll noti ta' referenzi[2].

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

**4.** Jibda biex jinghad li din il-Qorti taqbel perfattament ma' l-ewwel Qorti li l-avviz jew reklam tal-Malta Labour Party ippublikat mill-editur ta' L-Orizzont kien malafamanti fir-rigward ta' hdax mit-tnax-il attur. Min jaqra dak l-avviz jew reklam invarjabbilment jifhem li dawn il-hdax-il attur kienu altament irresponsabbli meta, filwaqt li l-Gvern li taghhom huma ministri qed izid it-taxxi, huma nefqu, jew gawdew min-nefqa, ta' flus pubblici biex ikollhom <u>karozza gdida ghall-uzu personali taghhom</u>, meta rrizulta bhala fatt u quddiem l-ewwel Qorti li dan assolutament ma kienx minnu. Addirittura fir-rigward tal-atturi Tonio Borg, Josef Bonnici, Louis Galea, Joe Borg u John Dalli dawn, f'ghajnejn il-qarrej, ma setghux ghajr jidhru li kienu qed jisparpaljaw bil-goff – kwazi, kif jinghad bl-ingliz, *with gay abandon* – fondi pubblici meta l-fatt (falz) attribwit lilhom kien li huma kellhom karozza gdida (dejjem minn fondi pubblici) ghall-uzu taghhom li l-valur taghha kien ta' aktar minn Lm20,000 lira (fil-kaz ta' Tonio Borg u ta' Josef Bonnici, addirittura ta' aktar minn Lm30,000 !!). Kif gustament irrilevat l-ewwel Qorti *"…il-konvenuti ma ghamlux 'fair comment' izda, billi xandru fatti foloz, qarrqu bil-qarrejja biex iwassluhom li jaghmlu gudizzju hazin ghax mibni fuq fatti foloz. B'dan il-mod taw malafama lill-atturi."* Din il-Qorti zzid tghid li fil-fehma taghha dana l-avviz sar ukoll b'element ta' malizzja, ghax l-ammont ta' flus li talvolta seta' ntefaq ghax-xiri ta' karozzi ghall-uzu tal-atturi kien facilment verifikabbli ghall-Malta Labour Party[3]. Anke jekk huwa minnu li l-ammonti indikati taht kull wiehed mir-ritratti tal-atturi kien jaqbel *piu` o meno* ma' l-

---

[2] L-atturi appellati fid-19 ta' Dicembru 2006 u l-konvenuti appellanti fid-29 ta' Dicembru 2006.

[3] Ara, a propositu, d-diversi mistoqsijiet u twegibiet parlamentari ezibiti. Ma dawn, s'intendi, setghu saru "PQ's" ohra.

ammont ta' flus li intefaq fil-Ministeru kollu ghax-xiri ta' vetturi ghal diversi ufficjali f'dak il-Ministeru, lill-qarrej kien qed jinghad b'mod car li dak l-ammont intefaq biex tinxtara karozza gdida ghall-uzu tal-Ministru li r-ritratt tieghu kien jidher fuq kull ammont indikat. Kif gie osservat minn din il-Qorti, diversament komposta, fis-sentenza tas-7 ta' Lulju 2006 fl-ismijiet ***Onor. Dr Gavin Gulia v. Dione Borg u Victor Camilleri***, *"…anke fatti sostanzjalment veri jistghu jigu mqieghda b'tali mod li 'the natural and ordinary meaning of [the] words" ikun effettivament jammonta ghal affermazzjoni ta' fatt malafamanti…Fi kliem iehor, jekk min jikteb, ghalkemm izewwaq jew ilahham il-kitba b'fatti veri, fl-istess hin ikun qieghed kjarament, bl-uzu ta' certi kliem, espressjonijiet, ommissjonijiet, jimputa fatt malafamanti lil xi persuna – fatt malafamanti li l-qarrej ordinarju jkun jista' jintravvedi f'dik il-kitba, ghalhekk jinghad kjarament – wiehed ma jistax jeccepixxi l-'fair comment' fir-rigward ta' dik l-imputazzjoni izda, se mai, irid jipprova li dak il-fatt hekk imputat huwa minnu, ossia jeccepixxi l-verita` tal-fatti."*

**5.** Fir-rigward ta' l-argument imressqa a nom ta' l-appellant Ghirxi, kemm fir-rikors ta' appell kif ukoll fil-kors tat-trattazzjoni ta' l-abbili difensur tieghu Dott. Pawlu Lia fl-udjenza tal-4 ta' Dicembru 2006, din il-Qorti tosserva li l-fatti fil-kaz li hu jaghmel referenza ghalih fir-rikors ta' appell – ***Thoma v. Luxembourg*** deciz fid-29 ta' Gunju 2001 – kienu kompletament differenti minn dawk fil-kaz odjern. F'dak il-kaz kollox kien idur fuq il-fatt li gurnalist irrapporta dak li kien qal gurnalist iehor fil-kuntest ta' gurnalizmu investigattiv serju u fuq materja li kienet tikkwalifika bhala *"a matter of serious public concern"* – fil-kaz in dizamina, invece, ghandha propaganda politika a bazi ta' fatti subdolament travisati u fil-kuntest tal-pubblikazzjoni, presumibbilment versu hlas, ta' avvizi jew reklami politici f'gazzetta. Kif din il-Qorti kellha l-opportunita` f'diversi okkazjonijiet li tosserva[4], huwa minnu li wiehed ghandu kull dritt li jikkummenta, anke b'mod qawwi, dwar fatti, basta li dawk il-fatti jkunu

[4] Ara, fost ohrajn, ***L-Onor. Avukat Dott. Louis Galea v. L-Onor. Prim Ministru Dottor Alfred Sant*** 17/6/2005; ***Onor. Dr Gavin Gulia v. David Agius u l-Partit Nazzjonalista*** 12/7/2005.

sostanzjalment veri ossia korretti; bhalma huwa minnu wkoll li, fil-kuntest tal-politika kif ukoll fil-kuntest ta' materji li jkunu *"of serious public concern"* il-margini u l-latitudini moghtija ghall-kritika – mhux ghall-malafama – hija wahda ferm wiesgha. Mill-banda l-ohra, kulhadd – anke l-politici – ghandhom dritt ghar-reputazzjoni tajba taghhom.

**"The right to enjoy a good reputation is a civil right for the purposes of Article 6, para. 1 and applicants may generally claim the right of access to court to pursue defamation proceedings, to the extent such is provided in domestic law."**[5]

La l-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fondamentali u l-anqas il-ligi domestika – il-Kap. 248 – jew l-Artikolu 46 ta' l-imsemmi Kap. 248 ma jaghtu xi immunita` lill-editur ta' gazzetta mir-responsabbilitajiet civili jew penali li huwa jista' jinkorri fihom jekk jippubblika materji li jkunu malafamanti.

Ghalhekk kemm l-aggravju partikolari tal-appellant Ghirxi kif ukoll l-aggravju taz-zewg appellanti fil-meritu qed jigi respint.

**6.** Jibqa', ghalhekk, biex jigi kkunsidrat l-aggravju dwar il-*quantum* tad-danni. Fil-kaz in dizamina, id-danni li qed jigu reklamati huma biss danni morali taht l-Artikolu 28 tal-Kap. 248. Dawn id-danni, li skond il-ligi fis-sehh meta sehhet il-pubblikazzjoni meritu ta' din il-kawza ma jistghux jeccedu l-Lm5,000, ma humiex intizi bhala "piena" fil-konfront ta' min ikun immalafama, izda biex taghmel tajjeb ghas-sens ta' ingurja u telf ta' reputazzjoni tajba li jkun sofra l-malafamat – ghall-applikazzjoni ta' piena hemm il-proceduri penali. L-ewwel Qorti osservat li l-*quantum* tad-danni ghandu jkun proporzjonat mal-gravita` tal-malafama. Dan hu korrett, pero` ma jkoprix ezattament l-aspetti kollha ta' dak li ghandu jittiehed in konsiderazzjoni. Kif jinghad minn David Price u Korieh Duodu fil-ktieb taghhom **Defamation: Law, Procedure and Practice**[6]:

---

[5] Reid K., **A Practirioner's Guide to the European Convention on Human Rights**, Sweet & Maxwell (London) 2004 (2nd ed), p. 232, para. IIB-061.
[6] Sweet & Maxwell (London) 2004.

**"The amount of damages awarded in respect of vindication and injury to reputation and feelings depends on a number of factors: (1) the gravity of the allegation, (2) the size and influence of the circulation, (3) the effect of the publication, (4) the extent and nature of the claimant's reputation, (5) the behaviour of the defendant, (6) the behaviour of the claimant."**[7]

Dwar l-ewwel zewg fatturi dawn l-awturi jkomplu hekk:

**"In *John v. MGN* ([1997] Q.B. 586 at 6078), Sir Thomas Bingham M.R. said 'The more closely it [the defamation] touches the plaintiff's integrity, professional reputation, honour, courage loyalty and the core attributes of his personality, the more serious it is likely to be.' Allegations which do not involve moral blame but which have a tendency to make people avoid the claimant or expose him to ridicule may be considered defamatory. However they will generally result in smaller damages. In *John*, *The Sunday Mirror* alleged on its front page that the plaintiff, musician Elton John, engaged in a bizarre diet of chewing but not swallowing food and had been observed at a Hollywood party spitting chewed food into a napkin. It was said that the conduct was a form of bulimia. Although the allegations were found to be defamatory, prominently published and widely circulated, the Court of Appeal recognised that the article did not attack the plaintiff's integrity or damage his reputation as an artist. The jury's award of £75,000 was reduced to £25,000.**

**"In order to establish a right to damages the claimant need only prove that the defamatory statement has been published to one person. In such a case the damages will be far less than were the libel is published by a national newspaper or televison station. The position and prominence given to the allegation is important, as is the influence of the**

[7] Page 208, para. 20-04.

**readership. In *Kiam v. Neil* ([1996] E.M.L.R. 493) the Court of Appeal upheld a substantial award of £45,000 following a passing reference to the plaintiff in a *Sunday Times* article which accused him of insolvency. Shortly after, the newspaper published an apology which was far more prominent than the original libel. Although the prominence given to the original allegation was minimal, the size and influence of *The Sunday Times* were among other factors sufficient to justify the award.**

**"Even where the circulation is limited, it may nevertheless be influential so as to justify a substantial award. In *Gorman v. Mudd* (C.A. October 15 1992) the plaintiff, Theresa Gorman, the well known Conservative M.P., and the defendant, a prominent Conservative activist in her constituency, had a falling out, as a result of which the defendant published a defamatory spoof press release. Although there were only 91 recipients, they were local Conservative councillors and members of a local Conservative association. The influence of the circulation was held to be a relevant factor which justified an award of £50,000."**[8]

**7.** S'intendi, fil-kaz in dizamina, wiehed irid joqghod ghall-parametri stabbiliti fl-imsemmi Artikolu 28, inkluzi dawk tad-danni li jistghu jkunu minn lira sa hamest elef lira. Mal-kriterji aktar 'l fuq imsemmija hemm ukoll dak tal-proporzjonalita`, mehtieg skond l-Artikolu 10 tal-Konvenzjoni Ewropea[9], li pero`, tenut kont tal-massimu ta' hamest elef lira stabbilit fl-Artikolu 28 imsemmi u tal-massimu ta' Lm900 effettivament likwidat fil-konfront ta' xi whud mill-atturi appellati, f'dan il-kaz jassumi importanza marginali.

**8.** Issa, f'dan il-kaz li wiehed jallega (falsament, kif rajna) li Ministru tal-Gvern qieghed iberbaq fondi pubblici biex jixtri karozza gdida (u fil-kaz ta' xi whud mill-atturi, ez. Tonio Borg u Josef Bonnici, ferm lussuza ghax ta' valur kwazi

[8] Pages 208-209, paras 20-05, 20-06.
[9] Ara, f'dan ir-rigward, ***Tolstoy Miloslavsky v. U.K.*** 13/7/1995.

stralunat) meta l-istess Gvern li tieghu huwa jifforma parti qed jimponi aktar taxxi fuq il-poplu ghax hekk mehtieg fl-interess komuni, certament jincidi b’mod mhux zghir fuq ir-reputazzjoni professjonali ta’ dak il-Ministru. Terga’, din il-malafama nghatat prominenza ghal tal-apposta (*full page*) u f’gazzetta li ghandha cirkolazzjoni ukoll mhux zghira. Mill-banda l-ohra – u din hi l-unika cirkostanza li jidher li l-ewwel Qorti ma haditx bizzejjed in konsiderazzjoni – il-malafama hija indirizzata lejn numru ta’ nies kwazi kollettivament – jekk mhux il-Kabinett kollu ta’ dak iz-zmien, parti sostanzjali minnu – b’mod ghalhekk li wiehed jista’ jargumenta li l-piz u l-malafama f’certu sens jinqasam bejn il-membri (individwati) ta’ kategorija jew grupp partikolari. Hija din ic-cirkostanza biss li twassal lil din il-Qorti li, fic-cirkostanzi partikolari ta’ dan il-kaz, taghmel xi aggustamenti ghal dak li hu l-*quantum* tad-danni. Kwantu ghall-ilment dwar is-solidarjeta` bejn il-konvenuti appellanti, dana l-aggravju hu manifestament infondat.

**9.** Ghall-motivi premessi din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi (a) thassarha u tirrevokaha f’dik il-parti fejn illikwidat id-danni tal-Onor. Tonio Borg, l-Onor. Josef Bonnici, l-Onor. Louis Galea, l-Onor. Joe Borg u l-Onor. John Dalli fis-somma ta’ disa’ mitt lira (Lm900) kull wiehed, u tal-Onor Louis Deguara, l-Onor. Lawrence Gonzi, l-Onor. Censu Galea u l-Onor. Austin Gatt fis-somma ta’ hames mitt lira (Lm500) kull wiehed, kif ukoll fejn ikkundannat lill-konvenuti (illum appellanti) sabiex flimkien ossia *in solidum* ihallsu lil kull wiehed mill-atturi dawn is-somom, u minflok tillikwida d-danni hekk (i) Onor. Tonio Borg u Onor. Josef Bonnici seba’ mitt lira (Lm700) kull wiehed, (ii) Onor. Louis Galea, Onor. Joe Borg u Onor. John Dalli hames mitt lira (Lm500) kull wiehed, u (iii) Onor. Louis Deguara, Onor. Lawrence Gonzi, Onor. Censu Galea u Onor. Austin Gatt tliet mitt lira kull (Lm300) wiehed, u tikkundanna lill-konvenuti flimkien ihallsu lil kull wiehed mill-atturi msemmija is-somma hekk likwidata bhala danni favur dak l-attur, u (b) tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija.

Fic-cirkostanzi, minkejja l-varjazzjoni fl-ammont likwidat, l-ispejjez ta' dana l-appell ghandhom jigu sopportati kollha mill-konvenuti appellanti solidament bejniethom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------